MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-3 ta' Jannar, 2007

Numru 1/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nadia Lanzon)**

**vs**

**Pietro Ingargiola**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Pietro Ingargiola** ta' 31 sena, bin Matteo u Vincenza *nee'* Di Maria mwieled Mazara Del Valla, Trapani, Italy fl-14 ta' Jannar, 1975 u residenti Via Betone Nru 16, Mazara Del Vallo, Trapani, Italy, detentur tal-karta tal-identita' Taljana nru AM 1020262 u Maltija numru 20136A;

Talli f'dawn il-Gzejjer fil-31 ta' Dicembru, 2006, u kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda

tal-Ordinanaza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess tal-awtoritazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug tat-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dosposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmaniffatura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli 1939 dwar il-kontroll intern intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perokoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni tal-avukat generali skond l-artikolu 22 (2) tal-Kap 101 sabiex l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi kontra tieghu;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti tal-kawza u stante l-ammissjoni, l-akkuza tirrizulta pruvata;

0Rat l-artikoli GN 292/1939, l-art.. tat-taqsima 4 u 6 tal-Kap 101;

Rat il-fedina penali tal-imputat.
Minflok li tikkundannah, u wara li staqsietu jekk kienx lest li joqghod taht kundizzjoni f'kaz li jkun liberat u huwa iwegeb fl-affermattiv.

Il-Qorti qed tilliberrah bil-kunduzzjoni li ma jghamilx rejat iehor sa zmien sentejn (2) mil-lum skond l-art. 22 Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-bbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------